MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1013/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

**Michael Sultana 36 sena bin missier mhux maghruf u Josephine Sultana, imwieled Pieta fis-169 ta' April 1972, residenti 66, Flat 2, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita` 188572M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Michael Sultana u cioe` talli nhar it-12 ta'Ottubru 2008 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommeta serq ta' apparat elettroniku (HiFi Equiment) kif ukoll oggetti ohra

minn diversi vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni MAU111, CBJ124, CBK475, EBK262 u EQZ132; ghad-detriment ta’ diversi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix EUR2329.37 (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwsitati b’reat jew xjentemenet kull mod li jkun indahal sabiex ibiegghom jew imexxiehom;

Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` hsara fuq vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni MAU111, CBJ124, CBK475, EBK262 u EQZ132, liema hsara tammonta ghal izjed minn €1164.69 (Lm500).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Genearli sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, izda fuq kollox l-fatt illi l-imputat sfortunatament rega’ waqa’ vittma tal-vizzju tad-droga wara li hu kien gheleb dan il-vizzju u jidher illi jixtieq johrog ghal darba ohra minn dan ic-cirku.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 49, 50, 261( c ), (g), 267, 271 u 325 (b) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni pererss

illi din nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza ssibu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuza, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordnijiet mghotija fil-konfront tieghu llum u jekk huwa ma jobdix l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------